



Brussell, 5 ta' April 2024
(OR. en)

5235/1/24
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0345(NLE)

VISA 5
MIGR 6
RELEX 18
COAFR 9
COMIX 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tfassir tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2459 dwar l-applikazzjoni ta' tariffa tal-viża miżjuda fir-rigward tal-Gambja – Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tfassir tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2459 dwar l-applikazzjoni ta' tariffa tal-viża miżjuda fir-rigward tal-Gambja¹.
2. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tat-23 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u sar l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-proposta. Il-proposta ġiet diskussa ulterjorment fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fis-16 ta' Novembru 2023 u sussegwentement ġiet approvata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fid-19 ta' Diċembru 2023.

¹ 13574/23.

3. Madankollu, l-adozzjoni tal-proposta ġiet interrotta minn tnaqqis fil-kooperazzjoni fir-riammissjoni mill-Gambja fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' titjiriet u operazzjonijiet ta' ritorn. Ladarba din il-kwistjoni tkun ġiet solvuta, il-grupp ta' ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (IMEX Espulsjoni) fit-12 ta' Marzu 2024 iddeċieda li jistieden lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża biex jerġa' japprova l-proposta, li sussegwentement ġiet approvata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fis-26 ta' Marzu 2024.
4. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
5. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u kif tinsab fid-dokument 16980/23 + COR 1 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali skont ir-regoli applikabbli.